FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 21 TA’ GUNJU 2016

Il-Pulizija

(Spetturi Ivan Cilia u Antonovich Muscat}

vs

Andrew Zrinzo u Patrick Zrinzo

ll-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta tal-identita' 157762m u 712255m rispettivament, akkuzati talli:

KONTRA ANDREW ZRINZO WAHDU:

a) talli f’April 2008 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f’dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

   1. approprja ruhu hilli dawwar hi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ **Howard Kreiss**, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghek;

   2. talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalieh jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ **Saviour Borg**, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;

   3. talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalieh jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ **John Lorry Borg**, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;

   4. talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalieh jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ **Joseph Mary Farrugia**, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;

b) talli f’April 2008, u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti , izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda.

5. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' **Joseph Mary Farrugia**;

6. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' **Howard Kreiss**;

7. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' **Saviour Borg**;

8. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' **John Lorry Borg**;

c) talli f'April 2008, u fix-xhur u fis-snin ta'qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jikksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

9. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, f'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iifirmati inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

10. talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

11. talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi meta kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

12. talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz;

13. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falz;

Lil Patrick Zrinzo wahdu:

1. Billi huwa akkuzat talli f'April 2008, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, talli bhala persuna indikata ghat-termini tal-Kapitlu 373, iffurma relazzjoni kommercjali jew ghamel operazzjoni ta' darba biss u ma adottax dawk il-proceduri stabiliti ghal dak il-kummerc;

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll l-konfiska tal-Oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artiolu 23A(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu bghat lill-imputati hiex jigu ggudikati minn dina l-Qorti ai termini u skond l-artikoli tal-ligi hemm citati;

Semghet liz-zewg imputati jiddikjaraw li kienu qed jaghtu l-kunsens taghhom sabiex l-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat Andrew Zrinzo kien impjegat sa mis-sena 1996 ma' socjeta jisimha "InterFinance", socjeta' ta investimenti finanzjarji, sakemm fis-sena 2010 iddecieda li jitlaq minn maghha. Mar-risenja tieghu certa klientela, senjatament dawk li jissemmew fl-att tal-akkuza, kompriz Howard Kries, izda mhux biss ghaliex fil-kors tal-proceduri spunta bniedem iehor certu Emmanuel Caruana, li talbuh jsegwilhom u jindukralhom l-investimenti taghhom, li allura u sa dak iz-zmien kienu taht it-tutela tas-socjeta' "InterFinance" izda gestiti mill-imputat Zrinzo qua impiegat taghha.

Illi jirrisulta inkontestat li l-imputat Zrinzo ha f'idejh, issa mhux izjed taht il-kappa tas-socjeta' fuq imsemmija, l-portfolio rispettivi ta' Howard Kries, l-ahwa Borg, John Mary Farrugia u Emmanuel Caruana (minn hawn il-quddiem imsejha l-parti leza), u ghamel l-arrangjamenti necessarji sabiex l-investimenti taghhom jkomplu jigu gestiti minn socjata' tieghu, jisimha 'Vertical Investments', izda tramite s-socjeta' bl-isem "Williams de Broe", societa' pubblika inkorporata l'Ingilterra bis-sede principali taghha gewwa Londra. Jirrisulta inekwivokabilment, f'dan il-kuntest, illi l-imsemmija parti leza, iffirmaw ghal dan l-arrangjament u anke taw prokura specjali lill-imputat Andrew Zrinzo u awtorizzawh "to give directions and to do all such other things as in his discretion he may consider expedient in relation to the purchase, sale, management or exercise of any and all rights arising out of any investments ... provided that the same are undertaken through Williams de Broe Plc and in relation to the application of any monies arising from or from time to time comprised within my account (ossija l-kont rispettiv taghhom) with Williams de Broe Plc", igifieri tawh diskrezzjoni wiesgha dment li l-investiment isir tramite is-socjetajiet rispettivi taghhom rna' Willams de Broe (minn hawn il-quddiem imsejha WdB) u bit-terminu 'investments' fis-sens wiesgha taghha skond l-Financial Services Act 1986, Att tal-Parlament Ingliz.

Intant, il-Qorti ghandha zewg imputati, fil-persuni ta' l-ahwa Zrinzo, bl-imputat l-iehor Patrick Zrinzo koinvolt lateralment bl-akkuza principali li naqas fl-osservanza u l-applikazzjoni ta' sistemi u tahrig kontra 'money laundering' imfissra fir-regolament 4 tal-Ligi Sussidjarja 373.01.

Illi pero' f'din l-ewwel parti tas-sentenza l-Qorti sejra tezamina l-imputazzjonijiet mahruga kontra l-imputat Andrew Zrinzo ai termini tar-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali. Dawn jinsabu a folio 1472.

Illi l-ewwel akkuza, paragrafu (a), tippotizza l-missappropriazzjoni, kontinwata u aggravata, ghab-bazi tal-Artikolu 293,294, 310(1)(a) u 18 tal-Kodici Kriminali.

Jinghad mill-bidu li din l-akkuza tista' talvolta tirrizulta fir-rigward biss Howard Kreis u mhux ukoll fil-konfront tal-kwerelanti l-ohra, minhabba nuqqas ta' provi cari u univoci . Hekk, per ezempju, xejn in sostenn ta' din l-akkuza ta' misapproprjazzjoni ma tintrapella mix-xhieda rispettiva taghhom.

Dwar Howard Kries: mill-provi jinsab ben pruvat li l-imputatAndrew Zrinzo (minn hawn 'il quddiem maghruf bhala AZ) isufruixxa mill-kont ta' Kries ma' WdB ghad-insaputa u minghajr il- kunsens tieghu f'ammont ta' 167,000 Dollari Amerikani u 40,000 GBP komplessivament bejn Novembru 2004 u Jannar 2005. Dan jinsab altru li sodisfacjentement dimostrat fuq li xehed l-imputat izda mhux biss. Fil-kors tax-xhieda tieghu l-imputat xehed fid-dettal dwar l-eventi li effettwaw l-investimenti u irrefera ghad-dok ICll (folio 73, riprodott a folio 1972) li juri li fl-20 ta' Dicembru 2002 ta istruzzjonijiet lil WdB biex jitrasferixxi mill-kont tieghu personali ta' "Vertical Investments" somma ekwivalenti ghad-debiti ezistenti fil-kont ta' Kreis. Din hija n-nicca li tat aditu ghall-akkuza koncernanti l-misapproprjazzjoni. Spiega l-imputat li l-ammonti f'Dollari Amerikanti u Sterlina, imsemmija aktar il-fuq f'dan il-paragrafu, usufrixxa minnhom mill-kont ta' Kreis stante li ikkontenda li dawn il-flus kienu flus tieghu u li bihom haseb li seta' jirrintraprendi certu attivita' finanzjarja u jirripristina l-investimenti li kienu hadu telf kbir minhabba l-event katastrofiku tal-11 ta' Settembru 2001. Mill-aspett legali, pero', il-Qorti ma taqbilx, in kwantu l-flus kienu gja fil-patrimonju ta' Kreis b'dan li l-imputat ma setax, tafferma l-Qorti, unilateralment u minghajr il-kunsens ta' Kreis, johroghom mill-kont ta' dan l-ahhar u jutilizzhom ghal skopijiet ohra sahhansitra f'istanza wahda, biex jigi saldat kreditu ta' terz li assolutament ma kellux x'jaqsam ma' Kreis.

Il-Qorti qeghdha hawnhekk volutament tinjora l-aspetti l-ohra li jirrivolu jew li talvolta setghew jincidu fuq din id-decizjoni tal-imputat AZ, bhal per ezempju l-abbinament tal-kontijiet tal-klienti introdotti minnu (li kellu l-mandat fuqhom), konsegwenza tal-'gearing' ossija speci ta' overdraft fuq l-kont tieghu moghti lilu minn WdB, u tikklassifika t-tehid tal-ammonti, kif fuq imsemmi, mill-kont ta' Kreis bhala misapproprjazzjoni ai termini tal-paragrafu (a) tan-nota tar- rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali fuq l-istregwa tal-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a) tal- Kap 9.

Ikkonsidrat:

It-tieni akkuza sostnuta mill-Avukat Generali hija t-truffa kontinwata u aggravata. Huwa bil wisq car, fil-kuntest ta' din l-akkuza, li l-ebda wiehed mill-kwerelanti ma kien kostrett li jiehu u jafda l-investiment tieghu f'idejn l-imputat AZ. Huwa kompletament nieqes xi artificju jew raggir, konsistenti fil-rnise en scene', li l-imputat AZ fxi hin adopera biex ihajjar u wisq inqas igieghel lil xi wiehed mill-kwerelanti jitilqu mis-socjeta' "InterFinance" u jmorru mieghu. L-imputat jsostni li kienu l-kwerelanti nfushom li talbuh jibqa' jiehu hsieb l-investimenti rispettivi taghhom u dan jirrisulta mill-provi hlief fir-rigward ta' Kreis li jsostni li kien l-imputat li qallu izda li jidher li 1- ghazIa, minghajr ebda Iusingar jew promessi, kienet purmanet tieghu, jigifieri ta' Kreis.

Dak li gara sussegwetement ma jidholx fl-ambitu ta' din l-akkuza u il-Qorti taggungi hawnhekk riflessjoni taghha li hi mhiex imsejha sabiex tezamina l-operat tal-imputat vis-a-vis l-kwerelanti fl-operat tieghu qua 'stockbroker', jew konsulent finanzjarju, izda l-funzjoni taghha hi biex tara u tezamina jekk mill-operat u l-gestjoni tal-imputat AZ, jirrisultaw r-reati jew fosthom, sostnuti mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju fil-konfront tieghu.

Ikkonsidrat:

Dwar it-tielet akkuza fir-rinviju ghall-gudizzju: din tipotizza reati, bhala kontinwati, li jittrattaw il-faksifikazzjoni senjatament fl'ArtikoIu 183, 184, 185(2), 186, 188, 189A tal-Kap 9. Ezaminati seriatim il-Qorti tafferma kif hawn taht:

(a) rigward il-183: dan jolqot lil minn ikun ghamel falsifikazzjoni fatt awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali billi, inter alia, zid jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

(b) rigward il-185(2): jittratta l-piena ghal dak li mhux ufficjal jew impiegat pubbliku li jaghti jew jaghmel dikjarazzjoni falza jew jirrilaxxja certifikat falz, b'abbuz ta' awtorita';

(c) rigward il-186: li jittratta l-uzu li jsir mid-dokument falsifikat;

(d) rigward il-188:li jipprovdi ghal dikjarazzjoni falza jew taghrif li jinghata lil xi autorita' pubblika;

(e) rigward il-189: jittratta I-falsifikazzoni jew l-uzu xjenti ta' dokument in generali; waqt,

(t) il-189A jistqarr x'inhu inkluz fdokument, ghodda jew skrittura;

Intant, il-fatti subordinati ghal dawn ir-reati li ghandom il-matrici taghom fil-falsifikazzjoni tikkonsisti filli, l-imputat kien perjodikament jibghat lill-kwerelanti, rendikont tal-investimenti taghhom, fis-sens dwar kif dawn l-investimenti kienu sejrin fis-swieq finanzjarji, li l-imputat AZ 'ex admissis' stqarr, li ma kienux jghidu l-verita'. Ghalhekk kaz klassiku ta' falz idejologiku, li l-Artikolu 183 ma jirregolax. Kwindi, mhu lanqas applikabbli l-Artikolu 184 tal-Kap 9. Dwar il-falz ideologiku, li effettivament jikkonsistu fir-rendikonti, dan huwa kontemplat fl-Artikolu 185 tac- citat Kap citat fir-rinviju ghall-gudizzju fis-subincis (2) tieghu li jaghmel proprju ghall-imputat AZ li huwa wisq car m'ghandux u qatt ma kellu mansjoni ta' ufficjal pubbliku. Konsekwenza tal- applikabilita’ tal-Artikolu 185(2) jidhol fix-xena l-Artikolu 186 tac-citat Kap li huwa applikabbli "ex admissis". Ghall-kumplament, igifieri l-Artikolu 188, 189, 189A tal-istess Kap 9, huwa pales li dawn ma japplikawx kif sostnut mid-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Kwindi, isegwi li tirrisulta htija fl-imputat AZ ai termini tal-Artikolu 185(2) tal-Kap 9.

Ikkonsidrat:

Diversament, ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju, l-ko-imputat *Patrick Zrinzo* hu akkuzat bi ksur tar-regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 373.01 u l-Artikolu 5 tal-Kap 373. Fil-konfront ta' dan l-ahhar citat l-Qorti ma tifihmx fejn jinkwadra mill-provi prodotti, ghajr li fil-bidu u ai termini tal-istess artikolu, l-Qorti kienet harget kontra dan l-imputat ordni ta' iffrizar, li ai termini tas-sub inciz (2)(b) tieghu "jibqa' isehh, sakemm il-procedimenti jkunu gew decizi b'mod finali u konkluziv, u fil-kaz li persuna tinsab hatja, sakemm is-sentenza tkun giet esegwita". Intant, huwa minnu, kif indikat fin-nota tas-sottomissjonijiet tal-imputat Patrick Zrinzo, li huwa, minghajr assunzjoni ta' htija, kien wasal fi ftehim mal-kwerelant Howard Kreiss li fil-konfront tieghu biss, kienet talvolta treggi l-akkuza riportata kontra tieghu taht ir-regolament 4 tal L.S 373.01. Dan il-fatt pero' ftit jista jagevola l-imputat, ghajr fil-konsiderazzjoni tal-piena, stante li l-proceduri gew, kif setghu jigu, istitwiti "ex officio". Mill-bqija l-ittra li huwa indirizza u iffirma lill-WdB fir-rigward id-€90,000 tikkompromettih b'tali mod li nonostante dak li xehed tixhed dwar ix-xjenza tieghu bi ksur tar-regolament 4 fuq imsemmi. Tghid il-Qorti, fil-konfront tax-xhieda ta’ dan l-imputat, li ghalkemm possibli f’dak sostnut minnu, m’ghandu xejn mill-probabbli.

Kwindi, issibu hati li kiser r-regolament 4 tal-LS 373.01.

Ikkonsidrat dwar il-piena:

fil-konfront tal-imputat Andrew Zrinzo li ssibu u tiddikjarah hati:

(a) ta' misapproprjazzjoni fil-konfront ta' Howard Kreis wara li rat l-Artikolu 293, 294, 310(1)(a) u 18 tal-Kap 9;

(b) ta' falz ideologiku ai termini tal-Artikolu 185(2) tal-Kap 9.

Hasbet dwar il-piena u hi tal-fehma li jezistu l-attenwanti generici li jimmilitaw kontra piena karcerarja effettiva. Wara li rat l-Artikolu 17 u 28A tal-Kap 9, tikkundannah sentejn prigunerija sospiza ghal erba snin;

fil-konfront tal-imputat Patrick Zrinzo, issibu hati bi ksur tar-regolament 4 tal-Ligi Sussijarja 373.01. Stante dak li ntqal fil-parte sostantiva ta' dan il-gudikat b'referenza ghal verbal tal-Qorti folio 1490 qeghdha tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' sena mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputati rispettivi r-responsabiltajiet taghom skond is-sentenza.

A.M.Trigona

Magistrat